c. (i) in possession of two (2) subjects at Advanced level (one of which must include a pass in Accountancy) and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level (one of which must include a pass in Pure Mathematics), or a recognised comparable qualification.

OR

(ii) in possession of three (3) subjects at Advanced level (one of which must include a pass in Accountancy).

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

Successful candidates who are in possession of a recognised MQF Level 4 qualification or two (2) subjects at Advanced level and three (3) subjects at Intermediate Matriculation level, or in possession of three (3) subjects at Advanced level, or a recognised comparable qualification as indicated in 4.1 (iii) (a) and (c), shall enter as Assistant Manager (Salary Scale 12). Upon possession of a relevant Diploma at MQF Level 5 as indicated in paragraph 4.1 (iii) (b) in related areas such officers shall progress to Assistant Manager (Salary Scale 11). All other progressions shall be in accordance with the provisions stipulated in the document entitled 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs

kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 iii (a) sa 4.1 iii (c) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, VLT 1171, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn biss f'dan l-indirizz: (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

4.1 iii (a) to 4.1 iii (c) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

**Submission of Supporting Documents**

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

**Selection Procedure**

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

**Submission of Applications**

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, VLT 1171, through the Online Government Recruitment Portal only at the following address: (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 28th November, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu minn mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta, VLT 1171.Dawn id-dispożizzjonijet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Divizjoni huma (http://health.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt).

L-14 ta' Novembru, 2025

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

**Rappreżentant Kulturali għall-Kunsill Malti għall-Arti (ibbażat f'Londra)**

*Din is-sejħa għal servizz għar-rwol ta' Rappreżentant Kulturali (ibbażat f'Londra), hekk kif ippubblikata fuq il-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,534 nhar is-7 ta' Novembru, 2025, qed tiġi estiża biex tirċievi applikazzjonijiet sal-21 ta' Novembru, 2025, f'nofsinhar CEST.*

Din l-opportunità għal Rappreżentant Kulturali bbażat f'Londra hija parti mill-Istrateġija tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali tal-Kunsill Malti għall-Arti li tkabbar is-setturi kulturali u kreattivi.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

**Other General Provisions**

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applicationss;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of public sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents;

may be viewed by accessing the address (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Merchant Street, Valletta, VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and e-mail address of the receiving Division are (http://health.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt).

14th November, 2025

ARTS COUNCIL MALTA

**Cultural Representative for Arts Council Malta (London-based)**

*This call for service for the role of a Cultural Representative (London-based), issued on Government Gazette No. 21,534 on 7th November, 2025, is being extended to receive applications until 21st November 2025, noon CEST.*

This job opportunity for a London-based Cultural Representative forms part of Arts Council Malta's International Cultural Relations Strategy for the growth of the cultural and creative sectors.

Permezz ta' ħidma mill-qrib u taħt is-superviżjoni tad-Direttorat tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali tal-Kunsill Malti għall-Arti, ir-Rappreżentant Kulturali tal-Kunsill Malti għall-Arti għar-Renju Unit u l-Ewropa se jagħti sehmu lejn l-istrateġija u l-viżjoni tal-programm ta' internazzjonalizzazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti, b'attenzjoni speċjali fuq l-iskambji artistiċi u kulturali internazzjonali, il-kollaborazzjonijiet u l-inizjattivi, li huma parti mill-portafoll tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali tal-Kunsill Malti għall-Arti.

L-għan huwa li r-Rappreżentant Kulturali jagħti opportunità lill-artisti, il-produtturi, u l-prattikanti kulturali u kreattivi biex iżidu l-aċċessibbiltà internazzjonali u jiġu aktar esposti b'mod li jwassalhom iduru bil-produzzjonijiet tagħhom, jibnu networks u jiġu megħjuna joħolqu rabtiet ma' prattikanti fl-industrija bbażati fir-Renju Unit u l-Ewropa; u jesibixxi l-eċċellenza kreattiva Maltija lil dawk li jfasslu l-programmi, il-festivals, l-operaturi u l-udjenzi kulturali u jippromovi d-diversità kulturali waqt li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet kulturali mal-Ewropa u r-Renju Unit.

**Ir-Responsabbiltajiet Ġenerali**

Maniġġjar u żvilupp tar-rappreżentazzjoni tal-KMA fir-Renju Unit u l-Ewropa. Dan jinkludi s-sehem ta' Malta f'inizjattivi u avvenimenti internazzjonali organizzati mill-KMA u n-networks internazzjonali bbażati fir-Renju Unit u l-Ewropa, f'kollaborazzjoni mad-Direttorat tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali;

Ħolqien, kordinazzjoni u tmexxija ta' programm kulturali fosthom kwalunkwe programm edukattiv biex jintlaħqu n-nies u l-baġits annwali rispettivi tagħhom allokati lill-KMA skont l-għanijiet tal-Kunsill;

Sehem attiv f'networks, proġetti u inizjattivi kulturali internazzjonali fir-Renju Unit u l-Ewropa kif mitlub mill-KMA;

Rappreżentazzjoni tal-KMA fil-Clusters tal-EUNIC, attendenza fil-laqgħat tagħhom u l-ġestjoni u l-kordinazzjoni tas-sehem ta' Malta f'avvenimenti tal-Clusters tal-EUNIC;

Kollaborazzjoni mal-missjonijiet diplomatiċi Maltin u t-timijiet tagħhom, kif ukoll mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta fir-Renju Unit u l-Ewropa biex jitrawmu proġetti kulturali;

Tfittxija ta' opportunitajiet, sħubijiet u sponsors potenzjali għall-finanzjament u l-programmar tal-programm kulturali tal-KMA;

Segwiment tal-istadji importanti u r-riżultati tanġibbli tal-programmi u l-inizjattivi tal-KMA fir-Renju Unit u l-Ewropa, rigward il-perjodi taż-żmien u l-indikaturi mwaqqfa, għal żgurar tat-twettiq tagħhom b'suċċess;

Working closely and under the supervision of the International Cultural Relations Directorate at Arts Council Malta, the ACM Cultural Representative for the UK and Europe will contribute to the strategy and vision of Arts Council Malta's Internationalisation programme, with a specific focus on international artistic and cultural exchanges, collaborations and initiatives, forming part of Arts Council Malta's International Cultural Relations portfolio.

The objective is to give artists, producers, cultural and creative practitioners the opportunity to increase international accessibility and exposure to tour their productions, build networks and to help them connect with industry practitioners based in the UK and Europe; to showcase Maltese creative excellence to cultural programmers, festival-makers, operators and audiences and to promote cultural diversity and strengthen cultural relations with Europe and the UK.

**General Responsibilities**

Manage and develop ACM representation in the UK and Europe. This will include Malta's participation in international initiatives and events organised by ACM and International networks based in the UK and Europe, in liaison with the International Cultural Relations Directorate;

Create, coordinate and manage a cultural programme including any educational outreach programmes and the respective annual budgets allocated for ACM according to the Council's objectives;

Participate actively in international cultural networks, projects and initiatives in the UK and Europe as it may be requested by ACM;

Represent ACM in the EUNIC Clusters, attend their meetings and to manage and coordinate Malta's participation in the EUNIC Cluster events;

Liaise with the Maltese diplomatic missions and their teams, as well as with the Malta Tourism Authority in the UK and Europe in cultivating cultural projects;

Source opportunities, partnerships and potential sponsorships for funding and programming of the ACM cultural programme;

Track project milestones and deliverables of ACM's programmes and initiatives in the UK and Europe, with respect to established timeframes and indicators, to ensure their successful delivery;

Għajnuna fil-kordinazzjoni u t-twettiq tal-pjanijiet tal-marketing u l-komunikazzjoni biex jiġu promossi l-programmi u l-inizjattivi internazzjonali fir-Renju Unit u l-Ewropa, fosthom iżda mhux biss il-ġbir tad-data, il-kitba tal-kontenut, l-abbozzar u l-editjar tal-informazzjoni, u għajnuna fl-inizjattivi u l-eżerċizzji tar-relazzjonijiet pubbliċi marbuta mal-proġetti internazzjonali;

Kordinazzjoni u provvediment ta' għajnuna loġistika kif meħtieġ fosthom arranġamenti ta' ospitalità għal proġetti internazzjonali f'kollaborazzjoni mad-Direttorat tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali u t-timijiet tal-komunikazzjoni tal-KMA, żgurar tat-twettiq effettiv ta' kwalunkwe avveniment skedat li huwa parti mill-proġetti;

Abbozzar tal-korrispondenza, is-sejħiet miftuħa, il-proposti, u r-rapporti kif meħtieġ mill-proġetti u l-inizjattivi fi ħdan il-programm kulturali tal-KMA fir-Renju Unit u l-Ewropa;

Provvediment ta' aġġornamenti regolari lill-KMA dwar il-progress li qed isir fi programmi u inizjattivi internazzjonali fir-Renju Unit u l-Ewropa;

Żamma tal-baġits b'mod preċiż u aġġornat, kif ukoll ta' spreadsheets bid-dħul u l-ħruġ, u massimizzazzjoni mir-riżorsi u l-fondi disponibbli;

Akkwist tas-servizzi u l-provvisiti meħtieġa għall-esekuzzjoni tas-sehem ta' Malta f'rappreżentazzjonijiet, inizjattivi u proġetti kulturali internazzjonali fir-Renju Unit u l-Ewropa, skont ir-Regolamenti tal-Akkwisti Pubbliċi;

Żamma u tmexxija tal-iffajljar tad-dokumenti marbuta mal-programmi u l-inizjattivi diġitalment.

**Dmirijiet Oħra Assenjati**

Din id-deskrizzjoni tal-impjieg mhijiex neċessarjament lista eżawrjenti ta' dmirijiet imma għandha l-għan li tirrifletti firxa ta' dmirijiet li r-Rappreżentant Kulturali fir-Renju Unit u Londra għandu jaqdi. Id-deskrizzjoni tal-impjieg tista' tiġi riveduta regolarment u tista' tinbidel skont l-esperjenza tar-Rappreżentant Kulturali u f'konsultazzjoni miegħu.

**Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u l-Ispejjeż**

Sad-data ta' skadenza, l-applikanti jridu jkunu:

residenti fir-Renju Unit;

għandhom id-dritt li jaħdmu fir-Renju Unit;

Ibbażat f'Londra, il-kandidat magħżul huwa mistenni jaħdem medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa b'mod flessibbli, li

Support the coordination and implementation of marketing and communication plans so as to promote international programmes and initiatives in the UK and Europe, including but not limited to the collection of data, content writing, drafting and editing of information, supporting public relations initiatives and exercises related to international projects;

Coordinate and provide logistical support as needed including hospitality arrangements for International projects in liaison with the International Cultural Relations Directorate and the communications teams at ACM, ensuring the effective delivery of any scheduled events forming part of the projects;

Draft correspondence, open calls, proposals, and reports as required by the projects and initiatives within the ACM cultural programme in the UK and Europe;

Provide regular updates to ACM about the progress being made on international programmes and initiatives in the UK and Europe;

Maintain accurate and up-to-date budgets, income and expenditure spreadsheets, maximising resources and funds available as much as possible;

Procure all services and supplies required for the execution of Malta's participation in international cultural representation, initiatives and projects within the UK and Europe, in accordance with Government Procurement Regulations;

Maintain and conduct proper filing of documents related to the programmes and initiatives in digital formats;

**Other Duties as Assigned**

This job description is not necessarily an exhaustive list of duties but is intended to reflect a range of duties the Cultural Representative in the UK and London will perform. The job description may be reviewed regularly and may be changed in the light of experience and in consultation with the Cultural Representative.

**Working Conditions and Expenses**

By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

reside in the United Kingdom,

and have the right to work in the United Kingdom.

Based in London, the selected service provider will be expected to work an average of 40 hours weekly, with flexible

nofshom jeħtieġu jkunu fl-uffiċċju. Il-kandidat magħżul jeħtieġ jivvjaġġa għax-xogħol u jkun disponibbli għal laqgħat online u wiċċ imb wiċċ skont il-ħtieġa. Il-kandidat magħżul huwa mistenni jipprovdi servizz waqt ħinijiet mhux skedati u mhux tas-soltu skont l-esiġenzi ta' xogħol internazzjonali, li jvarjaw skont ix-xogħol involut marbut mall-avvenimenti u l-ħolqien ta' programm kulturali kif ukoll l-opportunitajiet ta' networking fir-Renju Unit u l-Ewropa.

**Il-Kwalifiki u l-Esperjenza Meħtieġa**

Sa meta titressaq l-applikazzjoni, il-kandidat irid ikollu:

Maġisteru rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF jew kwalifika xierqa rikonoxxuta u komparabbli fl-Umanitajiet bħall-Istorja tal-Arti, il-Mużika, l-Istudji Teatrali, il-Ġestjoni Kulturali, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, id-Diplomazija Kulturali, il-Komunikazzjoni, jew oqsma oħra rilevanti, kif ukoll esperjenza ta' għall-inqas sena waħda (1) f'xogħol rilevanti.

JEW

Baċellerat rikonoxxut fil-Livell 6 tal-MQF, jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta u komparabbli fl-Istorja tal-Arti, il-Ġestjoni Kulturali, il-Komunikazzjoni, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, id-Diplomazija Kulturali jew oqsma oħra rilevanti, kif ukoll esperjenza ta' għall-inqas tliet (3) snin f'xogħol rilevanti.

JEĦTIEĠ UKOLL

Komunikazzjoni eċċellenti bil-kitba u verbali bil-Malti u bl-Ingliż;

Għarfien tas-setturi kulturali u kreattivi kif ukoll tal-artisti u l-prattikanti lokali;

Ikun networker eċċellenti;

Għarfien ġenerali tal-proċeduri tal-uffiċċju u ħiliet fil-kitba kummerċjali;

Ħiliet b'saħħithom ta' organizzazzjoni u amministrazzjoni, kif ukoll attenzjoni għad-dettall;

Ħiliet interpersonali u ta' servizz lill-klijenti mill-aqwa;

Turija ta' ħila ta' osservazzjoni u kisba ta' ħiliet ġodda marbuta ma' ħiliet ta' komunikazzjoni esterna u interna;

Mentalità kreattiva u l-ħila ta' ħidma tajba meta taħt pressjoni, it-twettiq ta' kompiti b'mod effiċjenti, u żamma ma' skadenzi stretti;

working hours, around half of which would need to be office-based. The selected service provider will be required to travel for work and be available for meetings online and in-person as necessary. The selected service provider should be able to provide services during unscheduled or at unusual times as required by the exigencies of the international work, which will vary depending on the event-based workload around the creation of a cultural programme and networking opportunities in the UK and Europe.

**Qualifications and Experience Required**

By the time of application, the candidate must be in possession of:

a Masters degree at MQF Level 7 or an appropriate, recognised comparable qualification in the Humanities such as in History of Art, Music, Theatre Studies, Cultural Management, International Relations, Cultural Diplomacy, Communications or relevant areas, plus one (1) years relevant work experience.

OR

a Bachelors qualification at MQF Level 6, or an appropriate, recognised, comparable qualification in History of Art, Cultural Management, Communications, International Relations, Cultural Diplomacy or relevant areas, plus three (3) years relevant work experience.

AND MUST HAVE

Excellent writing and verbal communication skills in both Maltese and English;

Knowledge of the cultural and creative sectors as well as local artists and practitioners;

Excellent networker;

General awareness of office procedures and business writing skills;

Strong organisational and administrative skills and attention to detail;

Excellent interpersonal skills and customer service skills;

Demonstrated ability to observe and acquire new skills pertaining to external and internal communication skills;

A creative mindset and the ability to work well under pressure, completing tasks efficiently, and handling tight deadlines;

Impenn għal servizz lill-klijenti u mmaniġġjar ta' kwalità.

Dawn li ġejjin jitqiesu bħala vantaġġ:

Portafoll artistiku estensiv,

Esperjenza ta' kollaborazzjoni ma' missjonijiet diplomatiċi,

Għarfien tas-setturi kulturali u kreattivi tar-Renju Unit.

**Informazzjoni dwar il-Kuntratt u s-Salarju**

Il-kandidat magħżul se jingħata Kuntratt għal Servizz ta' sena waħda (1), bil-possibbiltà li jiġġedded għal aktar, skont il-prestazzjoni tiegħu.

Il-kandidat magħżul jaqa' taħt id-Direttorat tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali, u se jaħdem sigħat flessibbli biex jissodisfa t-talbiet u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni. Se jkollu wkoll jaħdem skont ir-regoli u r-regolamenti tar-Servizz Pubbliku Malti.

Ir-rimunerazzjoni hija ta' £30,147.12 kull sena (€34,226 skont ir-rata tal-kambju fid-data tal-pubblikazzjoni), bil-VAT eskluża. Barra minn hekk, il-kandidat magħżul se jkun intitolat għal £5,000 kull sena (€5,700 skont ir-rata tal-kambju fid-data tal-pubblikazzjoni) bħala kumpens għall-għoli tal-ħajja fil-pajjiż fejn huwa assenjat, kif ukoll kumpens għad-disturb ta' 15% fis-sena. Il-ħlas jiġi pproċessat kull xahar mill-Kunsill Malti għall-Arti kontra fattura b'numru tal-VAT validu.

**Kif Tapplika**

L-applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV, portafoll artistiku u kopji taċ-ċertifikati permezz ta' ittra elettronika lil (vacancies.acm@artscouncil.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 14 ta' Novembru, 2025. **Din is-sejħa għal servizz għar-rwol ta' Rappreżentant Kulturali (ibbażat f'Londra), hekk kif ippubblikata fuq il-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,534 nhar is-7 ta' Novembru, 2025, qed tiġi estiża biex tirċievi applikazzjonijiet sal-21 ta' Novembru, 2025, f'nofsinhar CEST.**

Applikanti li għandhom kwalifiki barranin huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fi ħdan il-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), li tinkiseb permezz ta' mili ta' applikazzjoni online għar-rikonoxximent tal-kwalifiki fuq (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Tali dikjarazzjoni għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni u l-oriġinali trid tiġi ppreżentata fl-intervista.

L-applikanti eliġibbli jissejħu għal intervista.

L-14 ta' Novembru, 2025

A commitment to customer service and quality management.

The below will be considered an asset:

An extensive artistic portfolio,

Experience collaborating with diplomatic missions,

Knowledge of UK cultural and artistic sectors.

**Contract and Salary Information**

The selected candidate will be awarded a one (1) year Contract for Service, with the possibility to renew for a further period, depending on his/her performance.

Answerable to the International Cultural Relations Directorate, the chosen candidate will be operating with flexible hours to meet the demands and requirements of the position. The chosen candidate will be required to work within the rules and regulations of the Malta Public Service.

The remuneration is of £30,147.12 (€34,226 converted on date of publication) excluding VAT per annum. In addition, the Service Provider will be entitled to £5,000 (€5,700 converted on date of publication) per annum as a living allowance based on the cost of living in the country of their assignment, as well as 15% disturbance allowance per annum. Payment will be processed monthly by Arts Council Malta on receipt of an invoice with a valid VAT number.

**How to Apply**

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV, artistic portfolio and copies of certificates by email to (vacancies.acm@artscouncil.mt) by Friday, 14th November, 2025. **This call for service for the role of a Cultural Representative (London-based), issued on Government Gazette no. 21,534 on 7th November, 2025, is being extended to receive applications until 21st November 2025, noon CEST.**

Applicant holding foreign qualifications are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application for the recognition of qualifications at (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Eligible applicants will be invited for an interview.

14th November, 2025

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

*Espressjoni ta' Interess (EOI)*

**Sejħa Pubblika għal Infermiera Kliniċi – Vann Mobbli ta' Riċerka dwar il-Kanċer**

Il-Cancer Research and Innovation Hub Malta (CRIHM) qed jistieden Espressjonijiet ta' Interess mingħand Infermiera Kliniċi kwalifikati biex jingħaqdu mat-tim professjonali li jopera l-Vann Mobbli ta' Riċerka dwar il-Kanċer.

1. Skop tas-Sejħa

L-infermiera kliniċi magħżula se jassistu f'teħid ta' testijiet tas-saħħa u fil-ġbir ta' data li jsir mill-Vann Mobbli ta' Riċerka dwar il-Kanċer. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tipprovdi kontrolli bażiċi tas-saħħa lill-pubbliku ġenerali.

2. Dmirijiet u Responsabbiltajiet

Twettaq testijiet bażiċi tas-saħħa fuq persuni li jżuru l-Vann Mobbli ta' Riċerka dwar il-Kanċer, inklużi (imma mhux limitati għal):

Testijiet tad-demm

Testijiet tal-Pressjoni

Testijiet taz-Zokkor

Testijiet tal-Ossiġnu

Qari ta' temperatura

Tniżżel u tirrappurta b'mod preċiż ir-riżultati tat-testijiet skont il-proċeduri u l-protokolli stabbiliti.

Tkun ċert li t-tagħmir kollu jintuża, jitnaddaf u jinżamm kif suppost.

Iżżomm livell għoli ta' kunfidenzjalità u osserva bir-reqqa r-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data.

Iżżomm attitudni professjonali u edukata, u tipprovdi informazzjoni b'sensittività lil kull persuna.

Tipprovdi appoġġ lill-maniġment fl-attivitajiet li jsiru kull fejn ikun meħtieġ.

3. Kundizzjonijiet

Rata ta' Ħlas: €35 fis-siegħa

Ħin tax-Xogħol: Jista' jinkludi s-Sibt, il-Ħadd u/jew festi pubbliċi (ir-rata tibqa' €35 fis-siegħa).

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

*Expression of Interest (EOI)*

**Public Call for Clinical Nurses – Mobile Cancer Research Van**

The Cancer Research and Innovation HUB Malta (CRIHM) is inviting Expressions of Interest from qualified Clinical Nurses to form part of the professional team operating the Mobile Cancer Research Van.

1. Purpose of the Call

The selected Clinical Nurses will assist in the delivery of health screening and data collection activities carried out by the Mobile Cancer Research Van. The initiative aims to provide basic health checks.

2. Duties and Responsibilities

Perform basic health screening tests on individuals visiting the Mobile Cancer Research Van, including (but not limited to):

Blood tests

Blood pressure tests

Blood sugar (glucose) tests

Oxygen saturation ($SpO_2$) tests

Body temperature readings (thermometer)

Accurately record and report test results following established procedures and protocols.

Ensure all equipment is properly used, cleaned, and maintained.

Uphold strict confidentiality and adhere to data protection regulations.

Maintain a professional, courteous manner and provide information sensitively to all participants.

Support the mobile unit's outreach and engagement activities as required.

3. Conditions

Rate of Pay: €35 per hour

Work Schedule: May include Saturdays, Sundays, and Public Holidays (rate remains €35/hour).

Post: F'lokalitajiet differenti kif tiddeċiedi l-amministrazzjoni tal-Vann Mobbli ta' Riċerka dwar il-Kanċer.

Tip ta' Kuntratt: Ftehim ta' servizz li jiskadi sena wara l-iffirmar tal-kuntratt.

4. Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

Ikunu infermiera kwalifikati u rreġistrati b'liċenzja valida biex jipprattikaw f'Malta.

Ikunu fluwenti kemm fil-lingwa Maltija kif ukoll fl-Ingliż.

Ikunu persuni b'ħiliet interpersonali u ta' komunikazzjoni eċċellenti.

Ikunu kapaċi jaħdmu b'mod indipendenti kif ukoll bħala parti minn tim multidixxiplinarju.

Esperjenza preċedenti fis-saħħa pubblika titqies bħala vantaġġ.

5. Sottomissjoni tal-Espressjoni ta' Interess

Applikanti interessati huma mistiedna jibagħtu d-dokumenti li ġejjin permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.crihm@gov.mt):

Ittra ta' introduzzjoni li tesprimi l-interess fil-pożizzjoni, inkluż sommarju qasir tal-esperjenza rilevanti u l-motivazzjoni.

Curriculum Vitae (C.V.) dettaljat, li jinkludi d-dettalji personali u l-kwalifiki rilevanti.

Is-suġġett tal-ittra elettronika għandu jindika b'mod ċar: 'EOI – Infermier/a Kliniku/a (Vann Mobbli ta' Riċerka dwar il-Kanċer)'.

6. Skadenza għas-Sottomissjoni

L-espressjonijiet kollha ta' interess għandhom jiġu sottomessi sa nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026. Applikazzjonijiet li jidħlu tard ma jiġux ikkunsidrati.

7. Proċess ta' Għażla

L-applikazzjonijiet jiġu evalwati abbażi tal-kwalifiki, l-esperjenza u r-rilevanza għar-rwol. Kandidati magħżula jistgħu jiġu mistiedna għal intervista jew għal verifika tad-dokumenti.

Location: Various localities as determined by the Mobile Cancer Research Van's administration.

Contract Type: Service agreement which expires in a Year from signing the contract.

4. Eligibility Requirements

Be qualified and registered nurses with a valid license to practice in Malta.

Have a good command of both Maltese and English.

Possess excellent interpersonal and communication skills.

Be capable of working independently and as part of a multidisciplinary team.

Have prior experience in basic clinical testing or public health outreach (considered an asset).

5. Submission of Expression of Interest

Interested applicants are invited to submit the following documents via email to (recruitment.crihm@gov.mt):

A covering letter expressing interest in the position, including a brief statement of relevant experience and motivation.

A detailed Curriculum Vitae (C.V.), including contact details and relevant qualifications.

All submissions must clearly indicate in the subject line: 'EOI – Clinical Nurse (Mobile Cancer Research Van)'.

6. Deadline for Submission

All Expressions of Interest must be submitted by Friday, 8th May, 2026. Late applications will not be considered.

7. Selection Process

Applications will be evaluated based on qualifications, experience, and suitability for the role. Shortlisted candidates may be contacted for a brief interview or verification of credentials.

8. Protezzjoni tad-Data

Id-data personali kollha miġbura se tiġi pproċessata skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-regolamenti GDPR. L-informazzjoni pprovduta se tintuża esklussivament għal skopijiet relatati ma' dan l-eżerċizzju ta' reklutaġġ.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.crihm@gov.mt).

L-14 ta' Novembru, 2025.

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Espressjoni ta' Interess għas-servizzi ta' Analisti tad-Data fuq bażi ta' Kuntratt għal Servizz**

Id-Direttorat għat-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà, fi ħdan Id-Dipartiment għall-Kurrikulu, it-Tagħlim Tul il-Ħajja, u Impjegabbiltà, qed tirċievi applikazzjonijiet mingħand persuni eliġibbli sabiex jagħtu s-servizz tagħhom bħala Analista tad-Data fuq bażi ta' kuntratt għal servizz. Il-kuntratt huwa validu għal sena u r-rata tal-ħlas hija ta' €20.00 fis-siegħa bil-VAT eskluża.

L-applikanti għandu jkollhom dan li ġej:

Grad ta' Baċellerat fl-Istatistika, jew fil-Matematika, jew fix-Xjenza tad-Data, jew qasam relatat (livelli ogħla ta' edukazzjoni se jitqiesu ta' benefiċċju);

Profiċjenza fis-software tal-istatistika (SPSS, R) u ħiliet tajba ħafna fl-Excel;

Esperjenza bil-metodoloġiji tal-analiżi tad-data (ittestjar tal-ipotesi, analiżi ta' rigressjoni, eċċ.);

Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni u preżentazzjoni;

Kapaċità ta' ħidma b'mod indipendenti u bħala parti minn tim;

Esperjenza fil-Python scripting għall-analiżi tad-data hija meqjusa bħala vantaġġ għall-applikant;

Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet jinkludu:

It-tindif u l-validazzjoni tad-data minn diversi sorsi (databases, stħarriġiet, eċċ.);

L-użu ta' ħiliet b'saħħithom fil-manipulazzjoni tad-data u fil-viżwalizzazzjoni, inkluż l-użu ta' software bħal SPSS, Power BI, Excel;

8. Data Protection

All personal data collected will be processed in accordance with the Data Protection Act (Cap. 586 of the Laws of Malta) and GDPR regulations. Information provided will be used solely for the purposes of this recruitment exercise.

Further information may be obtained by email to (recruitment.crihm@gov.mt).

14th November, 2025

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

**Expression of interest for the services of Data Analysts on a contract for service basis**

The Directorate for Lifelong Learning and Employability within the Department for Curriculum, Lifelong Learning and Employability will be receiving applications from eligible persons for the provision of the services of Data Analysts on a contract for service basis. The duration of the contract will be one year the hourly rate €20.00 excluding VAT.

Applicants are to have the following:

Bachelor's degree in Statistics, Mathematics, Data Science, or a related field (higher levels of education will be considered beneficial);

Proficiency in statistical software (SPSS, R) and strong Excel skills;

Experience with data analysis methodologies (hypothesis testing, regression analysis, etc.);

Excellent communication and presentation skills;

Ability to work independently and as part of a team;

Experience with Python scripting for data analysis would be beneficial.

Duties and Responsibilities will include:

Cleaning and validating data from various sources (databases, surveys, etc.);

Utilising strong data manipulation and visualization skills, including using software like SPSS, Power BI, Excel;

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudelli statistiċi biex jiġu identifikati xejriet u mudelli;

Komunikazzjoni tas-sejbiet b'mod effettiv permezz ta' rapporti u preżentazzjonijiet ċari u konċiżi;

Kollaborazzjoni ma' timijiet transfunzjonali biex l-għarfien tad-data jissarraf f'rakkomandazzjonijiet azzjonabbli;

Il-kitba u ż-żamma tal-Python scripts biex jawtomatizzaw il-kompiti tal-ipproċessar tad-data (meqjusa bħala vantaġġ għall-applikant).

L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu fuq is-sit (https://edurecruitment.gov.mt) sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 5 ta' Diċembru, 2025. Mistoqsijiet dwar is-servizzi speċifikament meħtieġa u l-kundizzjonijiet jistgħu jintbagħtu bil-posta elettronika lil (jeannine.vassallo@gov.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 2284.

L-14 ta' Novembru, 2025

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

**Post ta' Administration Officer I (Skala 12) fil-Kunsill Lokali tal-Imqabba**

*Nunru tal-Permess tal-Jobsplus 615/2025*

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba jilqa' applikazzjonijiet (ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-curriculum vitae) fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba sal-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025, f'nofsinhar, għal Administration Officer I (Skala 12) fil-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

Aktar dettalji dwar din is-sejħa, inkluż ir-rekwiżiti u persuni eligibbli jistgħu jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill permezz tal-indirizz elettroniku (mqabba.lc@gov.mt).

L-14 ta' Novembru, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Post ta' Skrivan Part-time (Skala 15)**

*Numru tal-Vakanza 225/2025*

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jinforma li għandu vakanza għall-impjieg ta' skrivan/a part-time (Skala 15).

L-applikanti jridu jkunu eliġibbli f'waħda mill-kategoriji li ġejjin (a, b jew ċ):

(a) fil-pussess ta' kwalifika li turi li għaddew (fi Grad 1-5, Grad Ċ jew livell komparabbli) f'ħames (5) suġġetti

Developing and implementing statistical models to identify trends and patterns;

Communicating findings effectively through clear and concise reports and presentations;

Collaborating with cross-functional teams to translate data insights into actionable recommendations;

Writing and maintaining Python scripts to automate data processing tasks (a plus).

Applications can be submitted at (https://edurecruitment.gov.mt) until noon of Friday, 5th December, 2025. Enquiries about specific services required and conditions may be sent by email to (jeannine.vassallo@gov.mt), or by telephone number 2598 2284.

14th November, 2025

MQABBA LOCAL COUNCIL

**Post of Administration Officer I (Scale 12) at the Mqabba Local Council**

*Jobsplus Permit No 615/2025*

The Mqabba Local Council is receiving applications (letter of application together with the curriculum vitae) at the Mqabba Local Council's office up till noon of Friday, 28th November, 2025, for the post of Administration Officer I (Scale 12) at the Mqabba Local Council.

Further details regarding this call for applications, including the requisites and eligible persons can be obtained from the Council's Executive Secretary via email at (mqabba.lc@gov.mt).

14th November, 2025

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

**Part-time Clerk (Scale 15)**

*Vacancy Number 225/2025*

Ħal Għargħur Local Council is seeking to recruit a clerk on a part-time basis.

The applicant must be eligible in one of the following categories (a, b or c):

(a) in possession of a qualification which shows a pass (in Grade 1-5, Grade C or comparable level) in five (5) subjects

f'Livell 3 tal-MQF, li għandhom jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il- Matematika u *IT Office Applications Skills*;

(b) fil-pussess ta' kwalifika vokazzjonali sħiħa f'Livell 3 tal-MQF, jew il-kwalifika ta' Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja f'Livell 3 tal-MQF, f'ħames (5) suġġetti li għandhom jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il- Matematika u *IT Office Applications Skills* bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors segwit; JEW

(ċ) uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' skrivan li l-ħatra tagħhom kienet ikkonfermata u li jkollhom minimu ta' sentejn (2) servizz sodisfaċenti fil-grad.

L-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti għandhom jissottomettu curriculum vitae dettaljat b'kopji taċ-ċertifikati rilevanti permezz ta' email lil (gharghur.lc@gov.mt) jew bil-posta lil:

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħal Għargħur
32, Triq San Nikola,
Ħal Għargħur GHR 1162

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew jaslu b'mezzi oħra jew li ma jikkwalifikawx, mhux ser ikunu ikkunsidrati. Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025. Il-kandidati jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista.

L-14 ta' Novembru, 2025

ATT TAL-2003 DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA
(KAP. 464)

**Regolamenti tal-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Ispiżjara**

*Riżultat tal-Elezzjoni*

Ngħarrfu b'dan għall-informazzjoni ta' kulħadd illi wara sejħa għal nominazzjonijiet biex jimtlew vakanzi ta' ħames (5) Spiżjara u żewġ (2) Pharmacy Technicians bħala membri tal-Kunsill tal-Ispiżjara skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15 tal-Att tal-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464), il-Kummissjoni Elettorali dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Ispiżjara irceviet ħames nominazzjonijiet minn Spiżjara iġifieri dawk tas-Sur Jurgen Azzopardi, is-Sur Aaron Camilleri, is-Sinjorina Mary Anne Ciappara, Dott. Claire Shoemake u Dott. Elena Marie Zarb, u ħames nominazzjonijiet minn Pharmacy Technicians mingħand is-Sur Albert Abela, is-Sur Michael Bajada, s-Sinjura Ilona Callus, is-Sur Ian Farrugia u s-Sur Wayne Portelli.

in MQF Level 3, which shall include Maltese, English, Mathematics and IT Office Applications Skills;

(b) in possession of a full VET qualification in MQF Level 3 or a Secondary School Certificate and Profiling qualification at MQF Level 3 in five (5) subjects which shall include Maltese, English, Mathematics and IT Office Applications Skills as separate study-units within the course pursued; OR

(c) Public Officers in the Maltese Public Service in the grade of clerk, the appointment of whom was confirmed and having a minimum of two (2) years satisfactory service in the grade.

Applicants who meet the requirements should submit a detailed Curriculum Vitae with copies of the relevant certificates by email to (gharghur.lc@gov.mt) or by post to:

The Deputy Executive Secretary
Ħal Għargħur Local Council
32, Triq Triq San Nikola,
Għargħur GHR 1162

Late applications, applications received by other means or which do not qualify, will not be considered. The deadline for applications is Friday, 28th November, 2025. Candidates will be required to sit for an interview.

14th November, 2025

HEALTH CARE PROFESSIONS ACT, 2003
(CAP. 464)

**Pharmacy Council (Elections) Regulations, 2004**

*Result of Election*

It is hereby notified for general information that following a call for nominations to fill five (5) vacancies of Pharmacists and two (2) vacancies of Pharmacy Technicians, as members of the Pharmacy Council in accordance with the provisions of Section 15 of the Health Care Professions Act, 2003 (Cap. 464), the Pharmacy Council Election Commission received five nominations from Pharmacists namely those of Mr Jurgen Azzopardi, Mr Aaron Camilleri, Ms Mary Ann Ciappara, Dr Claire Shoemake and Dr Elena Marie Zarb, and five nominations from Pharmacy Technicians from Mr Albert Abela, Mr Michael Bajada, Ms Ilona Callus, Mr Ian Farrugia and Mr Wayne Portelli.

Għaldaqstant, ma kienx hemm bżonn ta' elezzjoni għall-ispiżjara u l-vakanzi hawn fuq imsemmija imtlew skont kif ġej:

Spiżjara:
Is-Sur Jurgen Azzopardi
Is-Sur Aaron Camilleri
Is-Sinjorina Mary Anne Ciappara
Dott. Elena Marie Zarb
Dott. Claire Shoemake

Għall-Pharmacy Technicians saret elezzjoni u l-kandidati eletti huma kif ġej:

Pharmacy Technicians:
Is-Sur Wayne Portelli
Is-Sur Albert Abela

għal perijodu ta' tliet (3) snin mis-7 ta' Novembru 2025.

Joseph Busuttil
Stephen Farrugia
Dorothy Meli
*Kummissjonarji dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Ispiżjara*

L-14 ta' Novembru, 2025

No election was needed for Pharmacists and the five candidates were declared uncontested:

Pharmacists:
Mr Jurgen Azzopardi
Mr Aaron Camilleri
Ms Mary Anne Ciappara
Dr Elena Marie Zarb
Dr Claire Shoemake

An election was needed for Pharmacy Technicians and the two candidates elected were:

Pharmacy Technicians:
Mr Wayne Portelli
Mr Albert Abela

for a period of three (3) years as from 7th November, 2025.

Joseph Busuttil
Stephen Farrugia
Dorothy Meli
*Pharmacy Council Election Commissioners*

14th November, 2025

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

### Avviż dwar Sejħa għall-Proposti ta' Proġetti taħt il-Fond tal-Akkwakultura skont L.S. 425.12 Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali jixtieq iħabbar li se tiġi mnedija sejħa għall-proposti ta' proġetti. L-għotja massima għal kull proposta ta' proġett li jiġi aċċettati hi ta' €10,000.

Is-sejħa tiftaħ bejn l-24 ta' Novembru, 2025 u tagħlaq fit-28 ta' Novembru, 2025, f'nofsinhar. Il-formola tal-applikazzjoni onlajn għas-sottomissjoni ta' proposti għal proġetti u dokumentazzjoni relevanti hija disponibbli fuq (https://dfa.gov.mt/en/aquaculture-fund/). L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill-Board tal-Fond tal-Akkwakultura u għandhom jinġiebu personalment (by-hand) id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwalkultura, fiċ-Ċentru ta' Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Agrikoltura ġewwa l-Għammieri, Marsa, fid-dati, u l-ġranet ta' bejniethom, imsemmijin hawn fuq.

Aktar tagħrif dwar il-Fond tal-Akkwakultura u dwar din is-sejħa jista' jinkiseb mis-sit elettroniku (https://dfa.gov.mt/en/aquaculture-fund/).

L-14 ta' Novembru, 2025

## MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 10th November, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2854

ARB/C014/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Ottubru, 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

ARB/C014/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 10th October, 2023 given by the Court of Magistrates (Malta) as

ta' Ġudikatura Kriminali – (Maġistrat Dr Donatella M. Frendo Dimech LLD). Kumpilazzjoni Numru 161/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

VINCENT BUHAGIAR, irtirat, ta' 78 sena, iben il-mejjet Angel u l-mejta Inez xebba Attard, imwieled il-Belt Valletta, Malta fil-31 ta' Lulju, 1947, residenti ġewwa 145, Coral Mansions, Blk A, Fl 5, Triq il-Keffa, is-Swieqi u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 718347M.

Il-Qorti TORDNA sabiex l-assi li hemm fil-portafoll f'isem l-imputat VINCENT BUHAGIAR ma' CiliaFormosa Financial Advisors jiġu trasferiti fil-kont bankarju ta' terza persuna li jispiċċa -4740 miżmum mal-Bank of Valletta plc u jibqa soġġett għall-ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-20 ta' Novembru, 2021.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Charmaine Galea LL.D.) fl-20 ta' Marzu, 2021 li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-26 ta' Marzu, 2021 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' VINCENT BUHAGIAR.

Illum, 12 ta' Novembru, 2025

IS-SINJURA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

a Court of Criminal Judicature – (Magistrate Dr Donatella M. Frendo Dimech LLD). Compilation Number 161/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

VINCENT BUHAGIAR, retired, 78 years, son of the late Angel and the late Inez née Attard, born in Valletta, Malta on the 31st July, 1947, residing at 145, Coral Mansions, Blk A, Fl 5, Triq il-Keffa, Swieqi and holder of Maltese Identity Card bearing number 718347M.

The Court ORDERS that the assets held by the accused VINCENT BUHAGIAR with CiliaFormosa Financial Advisors are transferred to the bank account of a third party ending -4740 held with Bank of Valletta plc and shall remain subjected to the seizing and freezing order given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 20th March, 2021.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea LL.D.) on the 20th March, 2021 which was published in the Government Gazette on the 26th March, 2021 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to VINCENT BUHAGIAR.

Today, 12th November, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2855

ARB/C014/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-18 ta' Novembru, 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – (Maġistrat Dr Leonard Caruana LLD). Kumpilazzjoni Numru 161/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

VINCENT BUHAGIAR, irtirat, ta' 78 sena, iben il-mejjet Angel u l-mejta Inez xebba Attard, imwieled il-Belt Valletta, Malta fil-31 ta' Lulju, 1947, residenti ġewwa 145,

ARB/C014/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 18th November, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature – (Magistrate Dr Leonard Caruana LLD). Compilation Number 161/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

VINCENT BUHAGIAR, retired, 78 years, son of the late Angel and the late Inez née Attard, born in Valletta, Malta on the 31st July, 1947, residing at 145, Coral Mansions, Blk A,

Coral Mansions, Blk A, Fl 5, Triq il-Keffa, is-Swieqi u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 718347M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil VINCENT BUHAGIAR sabiex is-soċjetà Zenith Finance Ltd tillikwida l-investiment irreġistrat f'ismu u tiddepożita l-kapital kollu u l-qliegħ fil-kont bankarju li jintemm bin-numru -4740 miżmum mal-Bank of Valletta plc, liema kont għandu jibqa' suġġett għall-Ordni ta' Qbid u Ffriżar impost.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Charmaine Galea LL.D.) fl-20 ta' Marzu, 2021 li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-26 ta' Marzu, 2021 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' VINCENT BUHAGIAR.

Illum, 12 ta' Novembru, 2025

IS-SINJURA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Fl 5, Triq il-Keffa, Swieqi and holder of Maltese Identity Card bearing number 718347M.

The Court AUTHORISES VINCENT BUHAGIAR so that the company Zenith Finance Ltd shall liquidate the investment registered in his name and deposit the full capital and proceeds into the bank account ending in -4740 held with Bank of Valletta plc, which account shall remain subject to the imposed Seizing and Freezing Order.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea LL.D.) on the 20th March, 2021 which was published in the Government Gazette on the 26th March, 2021 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to VINCENT BUHAGIAR.

Today, 12th November, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2856

ARB/C080/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-15 ta' April, 2025 mill-Qorti Kriminali – (Onor. Imħallef Dr Consuelo Scerri Herrera LLD).

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MARTIN FARRUGIA;

HENRIETTE CASSAR;

U

MARTINA FARRUGIA, supervisor, ta' 26 sena, bint Martina Farrugia u Alison Farrugia xebba Azzopardi, imwielda Tal-Pietà, Malta fl-14 ta' Marzu, 1999, u residenti ġewwa 23, 'John Court', Triq iż-Żajbra, Ħaż-Żabbar u/jew 34, 'Allison', Triq is-Sajf, Ħal Qormi detentriċi ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 97699M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil Bank of Valletta plc sabiex tilqa' d-depożitu tal-ċekkijiet f'isem MARTINA FARRUGIA fl-ammonti ta' €393.58 u €511.18 u tawtorizza li l-import tagħhom jiġi żbankat.

ARB/C080/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 15th April, 2025 given by the Criminal Court – (Hon. Judge Dr Consuelo Scerri Herrera LLD).

The Republic of Malta

Versus

MARTIN FARRUGIA;

HENRIETTE CASSAR;

AND

MARTINA FARRUGIA, supervisor, 26 years, daughter of Martin Farrugia and Alison Farrugia née Azzopardi, born in Tal-Pietà, Malta on the 14th March, 1999, and residing at 23, 'John Court', Triq iż-Żajbra, Ħaż-Żabbar and/or 34, 'Allison', Triq is-Sajf, Ħal Qormi and holder of a Maltese Identity Card bearing number 97699M.

The Court AUTHORISES Bank of Valletta plc to accept the deposit of the cheques in the name of MARTINA FARRUGIA in the amounts of €393.58 and €511.18 and authorises that the said amounts can be withdrawn.

Il-Qorti AWTORIZZAT ukoll li s-salarju kollu mill-impjieg il-ġdid ta' MARTINA FARRUGIA jitpoġġa fil-kont bankarju irreġistrat f'isimha li jispicca bin-numru -1636 u miżmum mal-Bank of Valletta plc, u li tali fondi jistgħu jiġu żbankati minn Martina Farrugia bħala l-uniku mezz ta' għajxien tagħha, provdut li l-ammont totali li jkun żbankat ma jaqbiżx il-limitu stipulat mil-liġi.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4) (a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar temporanja mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Leonard Caruana LLD), fl-14 ta' Ottubru, 2024 li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-18 ta' October, 2024 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' Martin Farrugia, Henriette Cassar u MARTINA FARRUGIA.

Illum, 12 ta' Novembru, 2025

IS-SINJURA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Court further AUTHORISES that the full salary from MARTINA FARRUGIA's new employment can be deposited into the bank account registered in her name ending in -1636 and held with Bank of Valletta plc, and that such funds may be internally withdrawn by Martina Farrugia as her sole means of livelihood, provided that the total amount withdrawn shall not at any time exceed the limit stipulated by law.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a temporary seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana LLD) on the 14th October, 2024 which was published in the Government Gazette on the 18th October, 2024 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Martin Farrugia, Henriette Cassar and MARTINA FARRUGIA.

Today, 12th November, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2857

AVVIŻ MIR-REĠISTRU QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Alex Camilleri (KI 261983M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru 204/2025 AL) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Julia Marie Camilleri bin-numru Progressiv 1246/2009 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smiegħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum, 12 ta' Novembru, 2025

RITA VELLA BALDACCHINO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE REGISTRY OF THE CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Alex Camilleri (id 261983M) filed an application under oath (No. 70/2025AL) demanding CORRECTIONS of the ACT OF BIRTH of the minor Julia Marie Camilleri Registration number 1246/2009 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

This 12th November, 2025

RITA VELLA BALDACCHINO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

2858

B'diġriet tal-15 ta' Ottubru, 2025 mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Em@ney p.l.c. (C 55558) fil-21 ta' Frar, 2025 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' mitejn, tnejn u tletin elf, seba' mija, tlieta u tmenin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€232,783.34) li ġew depożitati permezz ta' Ċedola numru 2078/24 fl-ismijiet:

Pappolla Consulting Limited (C 95410) vs Em@ney p.l.c. (C 55558)

Il-Qorti rat illi l-effetti ta' digriet favoreboli jista' jkun ta' preġudizzju għal Oleg Vladimirovich Mikhailov jekk dan jingħata qabel ma tisma' l-fehma tiegħu bħala sekwestratarju fi proċeduri oħra u għalhekk ordnat in-notifika tar-rikors u ta' dan id-digriet lil Oleg V. Mikhailov bi żmien jumejn (2) għar-risposta.

Reġistru tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Malta), illum it-Tnejn, 27 ta' Ottubru, 2025.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 15th October, 2025 given by the First Hall of the Civil Courts ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by the application filed by Em@ney p.l.c (C 55558) on the 21st February, 2025 is requesting the withdrawal of the amount of two hundred and thirty two thousand euro, seven hundred and eighty three Euro and thirty four cents (€232,783.34) deposited by the Schedule of Deposit number 2078/24 in the names of:

Pappolla Consulting Limited (C 95410) vs Em@ney p.l.c (C 55558)

The Court saw that a favourable decree can be a prejudice to Oleg Vladimirovich Mikhailov if this is given before it listens to his say as a garnishee in other procedures and therefore ordered the notification of this application and of this decree to Oleg V. Mikhailov with two (2) days for a reply.

Registry of the Civil Court First Hall (Malta), today Monday, 27th October, 2025

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2859

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-4 ta' Novembru, 2025 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. (C2833) u b'digriet tat-23 ta' Frar, 2024 assumiet l-atti s-soċjeta' 35°14° Capital SCC p.l.c. (C105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Cuoros ġie iffissat il-jum tal-Ħamis 16 t'April 2026 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

L-utile dominium temporanju għaż-żmien li baqa minn mija u ħamsin (150) sena li bdew jiddekorru mis-sena elf, tmien mija u tnejn u disgħin (1892) tal-mezzanin bin-numru tnejn (2) qabel disgħa u sittin (69) fit-Triq Anton Buttigieg, qabel magħrufa bħala New Street, il-Ħamrun, inkluża l-arja tiegħu. Il-propjeta għandha servitu ta' apertura tat-tieqa fl-ewwel sular li tagħti fuq il-bitħa tal-propjeta fil-pjan terran. Parti mill-imsemmi mezzannin huwa sovrapost għall-beni oħra u jgawdi minn servitu ta' prospett u ta' stilliċidju versu l-beni sottoposti u għandu komuni is-sistema tad-drains u drenaġġ. L-imsemmi mezzanin huwa soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' Ewro u erbgħin ċenteżmu (€1.40),

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 4th November, 2025 on the application of Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) and by decree of the 23rd February, 2024 the acts were assumed by the company 35°14° Capital SCC p.l.c. (C 105417) acting on behalf of Cell Cuoros, Thursday, 16th April 2026 at half past ten in the morning (10:30a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

Temporary utile dominium for the remaining period from one hundred and fifty years (150) which commenced from one thousand, eight hundred and ninety two (1892) of the maisonette numbered two (2) previously numbered sixty nine (69) in Triq Anton Buttigieg, previously known as New Street, Ħ,amrun, including its airspace. The property has window opening servitude on the first floor that overlooks onto the property yard on the ground floor. Part of the said maisonette is overlying other property and it enjoys prospect servitude and servitude from the underlying property and has in common the drains and drainage system. The said maisonette is subject to annual and temporary ground rent

mill-bqija liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u stmata li tiswa' ħamsa u disgħin elf ewro (€95,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Zammit Gaetano (KI 496267M) u b'digrieti datati 25 ta' Mejju, 2020 u s-17 ta' Lulju, 2025 ġew nominati PL Nicholette Aquilina u Dr Alexander Paul Miruzzi bħala kuraturi deputati għall-assenti.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 73/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 11 ta' Novembru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of one euro and forty cent (€1.40), otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances and valued at ninety five thousand euro (€95,000).

The said tenement is the property of Zammit Gaetano (ID 496267M) and by decrees dated 25th May, 2020 and 17th July, 2025 were nominated LP Nicholette Aquilina and Dr Alexander Paul Miruzzi as deputy curators for the absent.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 73/2016.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 11th November, 2025.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2860

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-1 ta' Settembru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 491/2025DC, fl-ismijiet: Michael Attard Imports Limited vs T8R Limited et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Michael Attard Imports Limited (C34433) vs T8R Limited (C101695) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-19 ta' Mejju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamsa u tmenin elf ħames mija u disa u tletin ewro u għaxar ċenteżmi (€85,539.10) rappreżentanti bilanċ ta' import ta' seba' (7) kambjali skaduti, aċċettati u firmati mill-konvenuti, bl-imgħaxijiet ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 491/2025DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għal-24 ta' Novembru, 2025, fl-12.00 p.m.

Notifika Intimat:

T8R Limited (C101695), St Michael's Court, Block A, Shop 7, Triq Birkirkara, San Ġiljan

Mostafa A.A. Bouamid (132671A), 14C, Triq l-Alwett, il-Gżira

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 1st September, 2025, in the records of the Sworn application number 491/2025DC, in the names: Michael Attard imports Limited vs T8R Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Michael Attard imports Limited (C34433) vs T8R Limited (C101695) et filed in the Civil Court First Hall on the 19th May, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Proceed to give judgement according to the demand of the applicants without proceeding to a hearing of the cause in terms of Articles 167 to 170 of Chapter 12 of the Laws of Malta;

2. Condemn the defendants to pay the plaintiff company the sum of eighty five thousand five hundred and thirty nine euro and ten cents (€85,539.10) representing balance of value of seven (7) bills of exchange lapsed, accepted and signed by the defendants, with further interest from the date of maturity till the date of effective payment.

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 491/2025DC in the names mentioned above is postponed to 24th November, 2025, at 12.00 p.m.

Notification respondent:

T8R Limited (C101695), St Michael's Court, Block A, shop 7, Triq Birkirkara, San Ġiljan

Mostafa A.A. Bouamid (132671A), 14C, Triq l-Alwett, Gżira

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Novembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 12th November, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2861

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 680/25AD, fl-ismijiet: Dottor Dustin Camilleri noe vs Neville Sammut et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Dottor Dustin Camilleri (KI 78189M) noe vs Neville Sammut (KI 308179M) et ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla fit-30 ta' Ġunju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati, jew min minnhom, kienu unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku supra indikat, liema inċident kien il-kawża li wassal għal-korriment tal-atturi u, l-korriment u l-mewt ta' wieħed minnhom;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti;

3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallas in linea ta' danni dik is-somma hekk likwidata lir-rikorrenti;

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 680/25AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għat-18 ta' Novembru, 2025, fl-10.10 a.m.

Notifika Intimat:

Neville Sammut (KI 308179M), DAF CRT, FL 5, Triq iċ-Ċili, in-Naxxar

Joseph Attard (KI 10277M), 67, AILSA, FL 3, Triq San Patrizju, Birżebbuġa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Novembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 28th October, 2025, in the records of the Sworn application number 680/25AD, in the names: Dr Dustin Camilleri noe vs Neville Sammut et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Dr Dustin Camilleri (ID 78189M) noe vs Neville Sammut (ID 308179M) et filed in the Civil Court First Hall on the 30th June, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the respondents, or either of whom, were solely responsible for the abovementioned car accident indicated, which accident was the cause which led to the injury of the plaintiffs and, the injury and death of one of them;

2. Declare and decide that the respondents, or either of whom, are responsible for all the damages suffered by the applicants;

3. Liquidate the damages suffered by the applicant, if necessary by the appointment of referees;

4. Condemn the respondents, or either of whom, to pay by way of damages that sum so liquidated to the applicants;

With all costs and legal interest against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 680/25AD in the names mentioned above is postponed to 18th November, 2025, at 10.10 a.m.

Notification respondent:

Neville Sammut (ID 308179M), DAF CRT, FL 5, Triq iċ-Ċili, Naxxar

Joseph Attard (ID 10277M), 67, AILSA, FL 3, Triq San Patrizju, Birżebbuġa

Registry of the Superior Courts, today 12th November, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2862

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Settembru, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) fil-konfront ta' Carmelo Abela (682258M) u Windmill Services Limited (C72144).

Permezz ta' Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat fil- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-12 ta' Awwissu, 2025, fl-ismijiet Interfinance Limited (C45421) vs Carmelo Abela (682258M) u Windmill Services Limited (C72144). Ir-rikorenti Interfinance Limited (C45421) talbet illi l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l- intimat Carmelo Abela (KI 682258M) sabiex jinżamm milli jbiegħ, jassenja, jittrasferixxi, jikri jew b'kull mod jew titolu ieħor jiddisponu, kemm b'titolu oneruż kemm b'wieħed gratwit, kif ukoll min jgħabbi l-istess proprjetà b'piżijiet, djun, ipoteki u/jew garanziji oħra favur terzi u b'kull mod ieħor u bl-aktar mod ampju jagħtu drittijiet kemm reali kif ukoll personali lill-terzi u milli jagħti taħt kull titolu l-pussess tal-proprjetà lill-terzi fuq il-proprjetà;

Is-sehem indiviz appartjenenti lill-Carmelo Abela mis-segwenti proprjetajiet;

1. Il-villa bl-isem 'Alfa Ville', mibnija fuq parti mill-art magħrufa bħala tal-Babaw, b'faċċata fuq Triq Carmelo Pace u fuq Triq Frederick Borg, l-Iklin, liema proprjetà huma akkwistaw permezz tal-kuntratt tas-16 ta' Novembru, 1993 fl-att tan-Nutar Francis Micallef kif ukoll milli jgħabbu l-istess proprjetà b'piżijiet, djun, ipoteki u/jew garanziji oħra favur terzi u b'kull mod ieħor u bl-aktar mod ampju jagħtu drittijiet kemm reali kif ukoll personali lill-terzi u milli jagħtu taħt kull titolu l-pussess tal-proprjetà lill-terzi;

2. Id-dar bla numru u bl-isem 'Saint John House' fi Triq l-Għasafar, il-Ħamrun, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, konfinanti min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Grigal ma' proprjetà tal-familja Cauchi jew suċċessuri tagħhom bit-titolu, u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-familja Cauchi jew suċċessuri tagħhom bit-titolu jew konfini oħra;

3. Il-garaxx bla numru u bl-isem 'Lino', fi Triq l-Għasafar, Hamrun, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, konfinanti mill-Grigal ma' proprjetà tal-familja Cauchi jew suċċessuri tagħhom bit-titolu, u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-familja Camilleri jew suċċessuri tagħhom bit-titolu jew konfini oħra;

4. Id-dar bla numru u bl-isem 'Annie House', fi Triq Giovanni Barbara, il-Ħamrun, bid-drittijiet u pertinenzi

By a decree of the Civil Court, First Hall, of the 25th September, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12) on the respondent Carmelo Abela (682258M) and Windmill services Limited (C72144).

By means of an application for the Warrant of Prohibitory Injunction filed in the First Hall Civil Court, on the 12th August, 2025, in the names Interfinance Limited (C45421) vs Carmelo Abela (ID 682258M) and Windmill services Limited (C72144). The applicant Interfinance Limited (C45421) asked that this Honourable Court orders the issuing of a warrant of prohibitory injunction against the respondent Carmelo Abela (682258M) in order that he be witheld from selling, assigning, transferring, renting or in any manner or other title disposing, both by onerous title and by gratuitous title, as well as those who burden the same property with burdens, debts, mortgages and/or other guarantees in favour of third parties and in any other manner and in the most ample manner give both real and personal rights to third parties and give under any title ownership of the property to third parties over the property;

The undivided share belonging to Carmelo Abela from the following properties;

1. The villa named "Alfa Ville", built on part of the land known as Tal-babaw, with facade on Triq Carmelo Pace and on Triq Frederick Borg, Iklin, which property they acquired by means of a contract of the 16th November 1993 in the records of Notary Francis Micallef as well as from loading the same property with burdens, debts, mortgages and/or other guarantees in favour of third parties and in any other manner and in the most ample manner grant both real and personal rights to third parties and from giving under any title ownership of the property to third parties;

2. The unnumbered house named "Saint John House" in Triq ;-Għasafar, Ħamrun, with all its rights and appurtenances, bounded on the South by the said street, on the North East by property of the Cauchi family or their successors by title, and on the North West by property of the Cauchi family or their successors by title or other boundaries;

3. The garage without number and named "Lino", in Triq l-Għasafar, Ħamrun, with all its rights and appurtenances, bounded on the North East by property of the family Cauchi or their successors by title, and on the North West by property of the family Camilleri or their successors by title or other boundaries;

4. The unnumbered house named "Annie House", in Triq Giovanni Barbara, Ħamrun, with all its rights and

kollha tagħha, konfinanti mill-Grigal mal-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-familja Galea jew suċċessuri tagħhom bit-titolu, u min-Nofsinhar ma' Triq l-Għasafar, jew konfini oħra;

5. Id-dar bla numru u bl-isem 'Charlie House', fi Triq l-Għasafar, il-Ħamrun, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, konfinanti min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Grigal ma' proprjetà tal-familja Camilleri jew suċċessuri tagħhom bit-titolu, u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-familja Fabri jew suċċessuri tagħhom bit-titolu, jew konfini oħra;

6. Id-dar bla numru u bl-isem 'Twannie House', fi Triq l-Għasafar, il-Ħamrun, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, konfinanti min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, u mill-Grigal u mill-Majjistral ma' ġid ta' ċertu Aquilina jew suċċessuri tiegħu bit-titolu, jew konfini oħra;

7. Id-dar bin-numru 28, 'Silger', Triq Wistin Levanzin, il-Fgura, liema proprjetà huma akkwistaw 2/3 sehem minnha permezz ta' kuntratt tal-11 ta' Frar 2020 fl-atti tan-Nutar Dorian Sciberras kif ukoll milli jgħabbu l-istess proprjetà b'piżijiet, djun, ipoteki u/jew garanziji oħra favur terzi u b'kull mod ieħor u bl-aktar od ampju jagħtu drittijiet kemm reali kif ukoll personali lill-terzi u milli jagħtu taħt kull titolu l-pussess tal-proprjetà lill-terzi;

8. Id-dar bin-numru 30, 'Efraned', Triq Wistin Levanzin, il-Fgura, liema proprjetà huma akkwistaw 2/3 sehem minnha permezz tal-kuntratt tat-22 ta' Ġunju, 2020 fl-atti tan-Nutar Dorian Sciberras kif ukoll milli jgħabbu l-istess proprjetà b'piżijiet, djun, ipoteki u/jew garanziji oħra favur terzi u b'kull mod ieħor u bl-aktar mod ampju jagħtu drittijiet kemm reali kif ukoll personali lill-terzi u milli jagħtu taħt kull titolu l-pussess tal-proprjetà lill-terzi.

Illi dan il-mandat għandu jiġi milquħ provviżorjament.

Illi l-esponenti se jiġi preġudikat jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif ingħad.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra s-soċjetà intimata.

Kreditu: €528,029

Titolu: Ammont dovut mid-debituri lill-kumpanija kreditrici rappreżentanti l-pretensjonijiet li qed tressaq Interfinance Limited fil-kawża fl-ismijiet 'Interfinance Limited vs Carmelo Abela et, liema kawża għadh ma ġietx appuntata, u dan skont ma jidher mir-rikors ġuramentat tal-istess Interfinance Limited , oltre imgħaxijiet oħrajn li jistgħu jkunu dovuti u kif ukoll l-ispejjeż ta' dik il-kawża.

appurtenances, bounded on the North East by the said street, on the North by property of the Galea family or their successors in title, and on the South by Triq l-Għasafar, or other boundaries;

5. The unnumbered house named "Charlie House", in Triq l-Għasafar, Ħamrun, with all its rights and appurtenances, bounded on the South by the said street, on the North East by property of the family Camilleri or their successors by title, and on the North West by property of the family Fabri or their successors by title, or other boundaries;

6. The unnumbered house named "Twannie House", in Triq l-Għasafar, Ħamrun, with all its rights and appurtenances, bounded on the South by the said street, and on the North East and North West by property of certain Aquilina or his successors by title, or other boundaries;

7. The house with number 28, "Silger", Triq Wistin Levanzin, Fgura, which property they acquired 2/3 share of by means of a contract of the 11th February 2020 in the records of Notary Dorian Sciberras as well as from loading the same property with burdens, debts, hypothecs and/or other guarantees in favour of third parties and in any other manner and in the most ample they give both real and personal rights to third parties and from giving under any title the possession of property to third parties;

8. The house with number 30, "Efraned", Triq Wistin Levanzin, Fgura, which property they acquired 2/3 share of by means of a contract of the 22nd June, 2020 in the records of Notary Dorian Sciberras as well as from loading the same property with burdens, debts, hypothecs and/or other guarantees in favour of third parties and in any other manner and in the most ample manner give both real and personal rights to third parties and from giving under any title the possession of property to third parties.

That this warrant should be provisionally upheld.

That the applicant shall be prejudiced if the respondent company is not inhibited as stated.

Thus the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of the warrant of prohibitory injunction in question against the respondent company.

Credit: €528,029

Title: Amount due by the debtors to the creditor company representing the claims that Interfinance Limited is bringing forward in the cause in the names "Interfinance Limited vs Carmelo Abela et, which cause has not yet been appointed, and this as appears from the sworn application of the same Interfinance Limited, besides other interests which may be due as well as the costs of that cause.

Rikorrent: Office Suite 1, 1st Floor, 78, Triq is-Swieqi, is-Swieqi

Notifika Intimat:

Carmelo Abela (KI 682258M), 55, Blk B, Flat 4, Triq il-Belt Valletta, Ħal Qormi

Windmill Services Limited (C72144), MRA 053, Marsa Industrial Estate, il-Marsa

Eżekuzzjoni: Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta
Reġistratur tal-Artijiet, il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qorti Ċivili illum, 12 ta' Novembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: Office Suite 1, 1st Floor, 78, Triq is-Swieqi, Swieqi

Notification respondent:

Carmelo Abela (ID 682258M), 55, Blk B, Flat 4, Triq il-BeltValletta, Ħal Qormi

Windmill services Limited (C72144), MRA 053, Marsa Industrial estate, Marsa

Execution: Public Registry, Valletta
Land Registrar, Valletta

Registry of the Civil Court today, 12th November, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2863

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Ġunju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 398/2025DC, fl-ismijiet: Sentient International Limited vs Ferid Ouerhani, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Sentient International Limited (C89239) vs Ferid Ouerhani (234479A) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' April, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat naqas milli jaħdem il-perjodu ta' notice tiegħu skont ir-Written Statement of Particulars of Employment datat is-7 ta' Diċembru tas-sena, 2020, iffirmat mill-kontendenti, u dan bi ksur fost oħrajn tal-artikolu 36(10) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta), biex b'hekk huwa suġġett li jħallas lis-soċjetà esponenti somma li hija daqs nofs il-paga li kien imissu jħallas l-intimat għaż-żmien tan-notice;

2. Tillikwida l-imsemmija somma li hija daqs nofs il-paga li kien imissu jitħallas l-intimat għaż-żmien tan-notice;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjetà esponenti s-somma hekk likwidata;

4. Tiddikjara li b'konsegwenza tal-aġir tiegħu, l-intimat ivvjola l-obbligi tiegħu naxxenti mir-Written Statement of Particulars of Employment datat is-7 ta' Diċembru tas-sena 2020, iffirmat mill-kontendenti;

5. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat huwa responsabbli għal danni inkorsi mis-soċjetà attriċi bħala konsegwenza tal-

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 16th June, 2025, in the records of the Sworn application number 398/2025DC, in the names: Sentient International Limited vs Ferid Ouerhani, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Sentient International Limited (C89239) vs Ferid Ouerhani (234479A) filed in the Civil Court, First Hall, on the 22nd April, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the respondent failed to work his period of notice according to the written statement of Particulars of Employment dated 7th December of the year 2020, signed by the parties, and this in violation amongst others of Article 36 (10) of the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452 of the Laws of Malta), thus he is subject to pay the applicant company a sum which is equal to half the salary that the respondent should have paid for the duration of the notice;

2. Liquidate the said sum which is equal to half the salary that the respondent should have paid for the period of notice;

3. Condemn the respondent to pay the applicant company the sum so liquidated;

4. Declare that as a consequence of his behaviour, the respondent violated his obligations resulting from the written statement of Particulars of Employment dated 7th December of the year 2020, signed by the parties;

5. Declare and decide that the respondent is responsible for damages incurred by the plaintiff company as a

imġiba illegali tal-intimat u tal-ksur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu;

6. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi bħala konsegwenza tal-imġiba illegali tal-intimat u tal-ksur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu, jekk hemm bżonn bil-ħatra ta' periti nominandi għal dan l-iskop;

7. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-kumpanija attriċi d-danni likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż u interessi legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 398/2025DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-29 ta' Jannar, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Ferid Ouerhani (234479A), Chiaro Scuro, 102A, Triq F. M. Ferretti, Birżebbuġa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Novembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

consequence of the illegal behaviour of the respondent and of the breach of his contractual obligations;

6. Liquidate the damages suffered by the plaintiff company as a consequence of the illegal behaviour of the respondent and of the breach of his contractual obligations, if necessary by the appointment of referees appointed for this purpose;

7. Condemn the defendant to pay the plaintiff company the damages liquidated by this Honourable Court;

With all costs and legal interest against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 398/2025DC in the names mentioned above is postponed to the 29th January, 2026, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Ferid Ouerhani (234479A), chiaro scuro, 102A, Triq F. M. Ferretti Birżebbuġa

Registry of the Superior Courts, today 13th November, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2864

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru, 2025 (Digriet numru 100/2025BS, wara rikors numru 104/2025BS) ġiet kkonfermata inabilitata mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Josephine Cauchi, armla ta' Anthony Cauchi, bint il-mejtin Anthony Xerri u Margaret Xerri née Demanuele, imwielda r-Rabat, Għawdex, u preżentament residenti fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex (karta ta' identità numru 14346G).

Dott. Chiara Calleja, avukat, mart Dott. Daniel Calleja, bint George Camilleri u Monica sive Monique née Mizzi, imwielda r-Rabat, Għawdex, u residenti r-Rabat, Għawdex, (karta ta' identità numru 3795G) ġiet bl-istess digriet, nominata kuratriċi tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 10 ta' Novembru, 2025

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the twenty first (21st) of October of the year, 2025 (Decree number: 100/2025BS following application number 104/2025(BS) Josephine Cauchi, widow of Anthony Cauchi, daughter of the late Anthony Xerri and Margaret Xerri née Demanuele, born in Victoria, Gozo, and presently residing at the Gozo General Hospital, holder of identity card number 14346G has been confirmed inabilitated from all acts of civil life.

Dr Chiara Calleja, lawyer, wife of Dr Daniel Calleja, daughter of George Camilleri and Monica sive Monique née Mizzi, born in Victoria, Gozo, residing in Victoria, Gozo, and holder of identity card number 3795G, has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo),Voluntary Jurisdiction

This 10th of November 2025

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603